**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 18 - IT-TNEJN, 16 TA' JANNAR 2012**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Maria Vella | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. APOLOĠIJI

1.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li s-Sinj. Vella kienet infurmata li se tasal kemmxejn tard u se jkollha titlaq kmieni.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

2.1. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu meqjusa moqrija.

2.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. AWGURI LIĊ-*CHAIRPERSON* WARA LI ĠIET ELETTA KUNSILLIERA

3.1. Il-membri tal-Kumitat ferħu u awguraw liċ-*Chairperson* Cuomo li ġiet eletta Kunsilliera wara r-riżenja tal-Kunsillier David Bonello. Is-Sinj. Cuomo irringrazzjathom tal-awgurju.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON*

4.1. Iċ-*Chairperson* Cuomo infurmat li kien waslilha ilment dwar għargħar fi Triq Santa Clara. Is-SE informa li dak kien każ ilu u xi residenti kienu allegaw li l-problema hija ġejja għall-fatt li sid l-għalqa biswit kien imblokka l-passaġġ tal-ilma. Il-Kumitat ħass li dan kien każ li għandu jkun responsabbli minnu TM u, la darba kienu huma li ħadu passi għall-passaġġ li minn Triq Qalet Marku iwassal sal-Magħtab, għandhom ikunu huma wkoll li jieħdu ħsieb din it-trejqa.

## 5. IL-FESTIVAL TAL-ĠELATI

5.1. Is-Sur Bonello ippreżenta pjanta ta' fejn jistgħu jitpoġġew l-istalls biex wieħed ikun jista' jieħu idea ta' kif se titqassam iż-żona.

5.2. Is-SE fakkar li jkun hemm min ikollu bżonn li jkollu l-vettura miegħu u għalhekk ma kienx biżżejjed li wieħed jassumi li kulħadd seta' jħalli l-vetturi tiegħu x'ċertu distanza. Dawn għalhekk kellhom jittieħdu in konsiderazzjoni. Għandha tittieħed in konsiderazzjoni wkoll żona tal-logħob.

5.3. Kien hemm qbil li, wara li nkunu nafu min hu interessat li jipparteċipa, insejħu laqgħa magħhom ħalli niddiskutu fid-dettall il-ħtiġijiet tagħhom.

5.4. Sadanittant is-Sinj. Cuomo infurmat li fil-25 ta' Jannar għandha tiltaqa' mas-Sur Karl Borg li huwa persuna li jorganizza attivitajiet simili.

## 6. IS-SITWAZZJONI TAŻ-ŻONA TAL-ISCOUTS

6.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet infurmata b'applikazzjoni għal żvilupp imdaqqas tal-i*scouts* li jidhrilha li mhux aċċettabbli.

6.2. Il-Kumitat unanimament qabel li għandna niktbu lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Propjetà tal-Gvern biex issir oġġezzjoni għal din il-proposta. Barra minn hekk issir oġġezzjoni wkoll għall-fatt li, mill-aħħar laqgħa li kienet saret miegħu ma kien sar l-ebda żvilupp pożittiv għaliex l-użu tal-art ma kinitx skont il-kuntratt.

6.3. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet mitluba wkoll biex meta jkun hemm problemi, aħjar jekk ir-rapporti jitwasslu għand is-Sur Kenneth Demartino.

6.4. Is-SE appella biex iwasslu l-messaġġ lil dawk li jaraw kontravenzjonijiet isiru fl-art tal-i*scouts* biex possibilment jaraw kif iġibu l-provi biex l-argumenti tal-Kumitat ikunu ssostanzjati bil-provi.

## 7. Il-*Caravan Site*

7.1. Is-Sinj. Cuomo fakkret li l-Kumitat kellu jibgħat il-proposti tiegħu lid-Direttur Ġenerali tal-Proprjetà tal-Gvern dwar x'jixtiequ li jsir fil-post tal-*caravan site*. Iċ-Chairperson uriet ix-xewqa li jitħejjew proposti f'forma ta' rapport.

7.2. Is-SE staqsa x'inhuma x-xewqa eżatti tal-Kumitat. Is-Sinj. Cuomo infurmat li dak li ma jridx żgur il-Kumitat huwa li jkun sit kif inhu fil-preżent li jtik l-impressjoni ta' *slum area* tat-tielet dinja u żgur li ma jixraqx lil pajjiż fl-Unjoni Ewropea. Ma jkun hemm l-ebda oġġezzjoni jekk ikun sit organizzat skont il-livelli moderni bil-faċilitajiet kollha u li ħadd ma jikkapparra l-post għal żmien twil biex jitħalla ċans għal ħaddieħor.

7.3. Is-SE ippropona li l-Kumitat għandu jikkunsidra li jqabbad periti ħalli jħejju pjan dettaljat biex jippreżenta każ. Is-Sur Woods, filwaqt li qabel, ippropona li din tista' tkun preżentazzjoni mhux daqstant dettaljata li tista' tkun ippreżentata lill-Ministri kkonċernati ħalli l-Kumitat ikun jaf jekk jaqblux mal-kunċett.

7.4. Għalkemm il-Kumitat qabel ma' dawn il-proposti, kien hemm qbil li dan is-suġġett ikun aġġornat għal laqgħa oħra futura.

## 8. IL-ĠNIEN TA' BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

8.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li sal-ġurnata kienet għadha ma waslet l-ebda informazzjoni dwar l-inawgurazzjoni.

## 9. PROGRAMM TA' XOGĦLIJIET TA' BANKINI

9.1. Il-Kumitat kien infurmat li l-Ministeru tar-Riżorsi kien diġà għamel xogħol ta' bankini fi Triq ix-Xambekk u naħa waħda ta' Triq ir-Ridott. Fuq in-naħa l-oħra hemm żvilupp għaddej u allura jkun aħjar jekk nistennew ftit.

9.2. Kien hemm qbil li għandu jinżel il-Perit biex naraw xi bżonnijiet hemm tal-bankini. Infatti s-SE informa li l-Perit diġà kellu idea iżda kien importanti li jiltaqa' *on site* maċ-*Chairperson* biex ikun jaf l-estent tax-xogħol li jrid isir.

## 10. RAPPORTI DWAR INIZJATTIVI SPORTIVI

10.1. Il-Kumitat kien infurmat li l-attendenza kienet inqas milli mixtieq iżda kien biżżejjed biex kopra l-ispejjeż.

10.2. Fir-rigward tal-Pilates ma kinux sejrin tajjeb ħafna.

10.3. Kien hemm qbil li bħala avviż għandu jkun hemm l-avviżi flimkien mal-flyer tal-Kunsill.

## 11. STEMMA TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV

11.1. Is-SE għandu jagħmel appuntament mas-Sur Adrian Strickland minħabba li dan ġie appuntat mid-Dipartiment biex jieħu ħsieb id-disinn tal-istemmi.

11.2. F'dan il-ħin kien hemm qbil li jkun diskuss is-suġġett numru 13 fuq l-aġenda.

## 12. IL-PASSAĠĠ BEJN TRIQ QALET MARKU U L-MAGĦTAB

12.1. Is-Sinj. Vella ilmentat li ma setgħetx tifhem kif dak il-passaġġ huwa meqjus minn TM bħala triq.

12.2. Il-Kumitat qabel li għandu jibgħat jinforma lil TM li għat-trakkijiet hemm triq alternattiva u mhux jużaw dan il-passaġġ. Intqal ukoll li din tintuża minn ħafna żwiemel u allura t-trakkijiet qed joħolqu periklu.

12.3. Kien hemm qbil li jekk TM ma tagħtix widen, isir tentattiv għal laqgħa dwar dan mas-Sinj. Audrey Testaferrata de Noto.

12.4. F'dan il-ħin is-Sinj. Vella kienet skużata mil-laqgħa. Il-ħin kien is-6:32pm.

## 13. ATTIVITÀ TAL-KARNIVAL GĦAT-TFAL

13.1. Is-Sur Woods ippropona li ssir attività tal-Karnival. Din is-sena l-Karnival se jaħbat bejn is-17 u l-21 ta' Frar 2012.

13.2. Wara diskussjoni l-Kumitat qabel li għandu jħeġġeġ lir-residenti jattendu l-attività tal-Kunsill u għalhekk il-Kumitat jorganizza trasport għan-Naxxar.

13.3. Sadanittant il-Kumitat qabel li għandu jaħseb għal attività għat-tfal fil-viċin.

## 14. *ISCHOOL* F'BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

14.1. Is-Sur Woods informa li t-Tnejn li ġej (waqt il-ħin tad-dutrina) se jkellem xi nies biex iġib l-indirizzi ta' familji ta' tfal minn 8 sa 11-il sena ħalli jkun jista' jorganizza din l-inizjattiva.

14.2. Is-Sur Woods reġa' spjega l-kunċett ta' din l-inizjattiva li l-ħsieb warajha hija li tkun *idea school* biex tħeġġeġ aktar kreattività fost it-tfal.

## 15. FULJETT BIL-ĦIDMA TAL-KUMITAT

15.1. Is-Sur Woods ressaq il-fuljetti lesti bil-ħidma tal-Kumitat fl-aħħar sena.

15.2. Filwaqt li l-Kumitat feraħ lis-Sur Woods għall-biċċa xogħol li għamel, kien hemm qbil li jitqassam bieb bieb mill-membri stess biex fl-istess waqt iżommu kuntatt mar-residenti. Dwar dan, iċ-Chairperson infurmat lill-membri li kienet se tikkuntattjahom biex jitqassmu biex iduru r-residenti.

## 16. ĦWEJJEĠ OĦRA

16.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet iltaqgħet ma' ċerta M'Anne Sant Fournier u Mario Debono u semmitilhom il-bżonn li f'Baħar iċ-Ċagħaq ikun hemm spiżerija. Huma spjegawla r-regolamenti biex jinfetħu spiżeriji u kif dawn huma marbutin ma' ammont ta' residenti. Jidher li f'Baħar iċ-Ċagħaq mhux vjabbli li jkun hemm spiżerija iżda pproponew li spiżerija fin-Naxxar tikkonsidra li tiftaħ branka f'Baħar iċ-Ċagħaq bħala estensjoni ta' dik eżistenti fin-Naxxar. Is-SE ġibed l-attenzjoni li, jekk ma tkunx spiżerija attezzata sew ma taqdix il-bżonnijiet tal-komunità u tispiċċa tmut mewta naturali. Kien hemm qbil però li nibgħatu ittra lil Bord tal-Ispiżjara li turi x-xewqa li jkun hemm spiżerija f'Baħar iċ-Ċagħaq.

16.2. Is-SE kien mitlub biex jibgħat joġġezzjona għall-*billboards* li qed jgħattu l-viżta tas-sewwieqa. Apparti hekk, fejn tpoġġew, hija post fejn jilgħabu t-tfal.

16.3. Is-Sinj. Muscat talbet biex l-iskips ta' Triq ix-Xambekk jitneħħew. F'dan il-ħin is-Sur Woods kien skużat. Il-ħin kien is-7:10pm.

16.4. Is-Sinj. Muscat infurmat li ċ-ċint ta' Triq l-Iskall kien infetaħ aktar.

16.5. Is-Sur Bonello ippropona li n-*notice board* titressaq x'imkien aktar viċin il-ġnien.

16.6. Sar ilment li d-daħla ta' Baħar iċ-Ċagaq kienet verament mudlama. Is-Sinj. Cuomo fakkret li kellha ssir bozza wkoll fi Triq A M Caruana.

16.7. Kien hemm qbil li jsir appell lill-Kunsill biex tkun irranġata Triq Santa Klara.

16.8. F'dan il-ħin il-Kumitat reġa tkellem dwar l-ilmenti tal-iskips fi Triq ix-Xambekk. Kien hemm qbil għalhekk li l-iskip tal-iskart imħallat titpoġġa fi Triq il-Lampara filwaqt dwar il-kumplament ikunu diskussi darba oħra.

## 17. TMIEM IL-LAQGĦA

17.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 20 ta' Frar 2012 fil-5:30pm.

17.2. Il-laqgħa intemmet fil-19:24pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |